MALTA

# QORTI TA' L-APPELL KRIMINALI

## S.T.O. PRIM IMHALLEF
## VINCENT DE GAETANO

Seduta tad-9 ta' Frar, 2010

Numru 84/2009

**Il-Pulizija**

**v.**

**John Mizzi**

**Il-Qorti**:

**1.** Rat l-imputazzjonijiet migjuba mill-Pulizija Ezekuttiva, permezz ta’ att ta’ citazzjoni datat 4 ta’ Awwissu 2000, kontra John Mizzi (bin Louis u Grace nee Vella, detentur tal-karta tal-identita` nru 6050G) talli fl-ahhar snin qabel il-hrug tac-citazzjoni u senjatament qabel il-25 ta’ Mejju 1999 (**1**) ghamel zvilupp jew halla jsir zvilupp fuq art li taghha huwa responsabbli minghajr il-permess ta’ l-Awtorita` tal-Ippjanar ghal dan l-izvilupp konsistenti fi ftugh ta’ barriera u qtigh ta’ gebel tal-franka fl-inhawi ta’ Ghansar, limiti ta’ San Lawrenz, Ghawdex kif ukoll ksur tal-ippjanar konsistenti billi ghandu estensjoni tal-barriera minghajr il-permess mehtieg; kif ukoll akkuzat (**2**) talli fl-istess zminijiet naqas li jobdi l-ordni tal-avviz biex jieqaf

nru ECF/445/98/ENMU/NENF datat 26 ta’ Marzu 1998 sabiex iwaqqaf immedjatament l-imsemmi zvilupp u jittiehdu dawk il-passi sabiex jieqaf il-ksur u jregga’ lura s-sit ghall-istat originali; u (**3**) barra minn hekk naqas li jobdi l-ordnijiet legittimi tal-awtorita` kompetenti;

**2.** Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Ghawdex) bhala Qorti ta’ Gudikatura Kriminali tal-25 ta’ Frar 2009 li permezz taghha dik il-Qorti, lliberat lill-imsemmi John Mizzi mill-ewwel imputazzjoni izda sabitu hati tat-tieni u t-tielet imputazzjoni (din tal-ahhar kompriza fit-tieni wahda), ikkundannatu multa ta’ hamsin elf euro (€50,000) kif ukoll ghall-piena ta’ sena prigunerija sospiza ghal sena skond l-Artikolu 28A tal-Kap. 9; inoltre ordnat lill-hati sabiex, bil-permessi debiti, jregga’ lura s-sit ghall-istat li kien qabel sar l-izvilupp u dan fi zmien tlett xhur mid-data ta’ dik l-istess sentenza, taht penali ta’ disgha w hamsin euro (€59) kull jum fin-nuqqas;

**3.** Rat ir-rikors ta’ appell tal-imsemmi John Mizzi, minnu pprezentat fit-12 ta’ Marzu 2009, li permezz tieghu talab ir-riforma tal-imsemmija sentenza b’mod li huwa jigi liberat anke mit-tieni u mit-tielet imputazzjonijiet jew, alternattivament, li l-piena tigi ridotta ghal wahda li ma tkunx, fi kliem l-istess appellant, “sproporzjonata u esagerata”;

**4.** Rat l-atti kollha tal-kawza; semghet il-provi u lid-difensuri tal-partijiet fid-diversi udjenzi (17 ta’ April 2009 u 22 ta’ Mejju 2009); ikkunsidrat:

**5.** Qabel xejn hemm punt procedurali li jrid jigi sorvolat. Fl-udjenza tat-22 ta’ Mejju 2009 din il-Qorti kienet halliet l-appell ghas-sentenza b’dan li l-prosekuzzjoni kellha tindika mhux aktar tard minn tlett gimghat qabel is-17 ta’ Awwissu 2009 “jekk PS756 Joseph Camilleri tinsistix li jixhed *viva voce* jew inkella l-prosekuzzjoni tistrihx fuq dak li hemm riportat fis-sentenza [appellata] li huwa qal” (ara fol. 151 tal-attijiet tal-kawza). Fit-28 ta’ Mejju 2009 (u ghalhekk ferm qabel id-data li ghaliha l-kawza kienet thalliet ghas-sentenza, cioe` s-17 ta’ Awwissu 2009) l-Avukat Generali pprezenta rikors li permezz tieghu, filwaqt

li ddikjara li ma kienx qed jinsisti fuq ix-xhud PS756 Camilleri “in vista tal-indisposizzjoni tieghu”, talab li jigi awtorizzat jipprezenta l-inkartament li kellu f’idejh l-imsemmi Surgent meta kien iddepona quddiem il-Qorti Inferjuri. Peress li t-talba kienet tmur oltre dak li kien gie verbalizzat, b’digriet tal-1 ta’ Gunju 2009 din il-Qorti ordnat lir-rikorrent Avukat Generali jindika in bazi ghal liema disposizzjoni kienet qed issir it-talba, kif ukoll l-oggett tal-prova li huwa ried jaghmel bl-inkartament. B’“risposta” tat-2 ta’ Lulju 2009 l-Avukat Generali indika l-Artikolu 433(6) tal-Kap. 9 (artikolu li, frankament, din il-Qorti ma tarax li hu applikabbli f’dan il-kaz) u ddikjara li l-oggett tal-prova kien sabiex jigi puntwalizzat l-isem tal-art in kwistjoni. Permezz ta’ nota pprezentata fit-22 ta’ Dicembru 2009 l-appellant John Mizzi filwaqt li esprima “il-preplessita` tieghu fir-rigward tat-talba tal-Avukat Generali”, u wara li ghamel xi osservazzjonijiet dwar dokument li huwa ma kienx thalla jipproduci waqt is-smigh tal-appell (ghakemm ghandu jinghad li huwa, lealment, qal ukoll li “Tali cahda kienet korrettement imsejjsa fuq il-principji sani li jemanaw mill-Artikolu 424 tal-Kodici Kriminali”), iddikjara li huwa, in principju, ma kienx isib oggezzjoni li jigi ezibit dak l-inkartament basta li jinghata l-opportunita` li jezaminah, jezamina wkoll il-persuni responsabbli ghar-redazzjoni tieghu, jaghmel is-sottomissjonijiet fuq l-istess, kif ukoll, li jithalla jezebixxi s-*site plan* li huwa kien xtaq jezibixxi fil-mori tal-appell.

**6.** Din il-Qorti, wara li ezaminat il-provi in atti, hija tal-fehma li t-talba tal-Avukat Generali ghandha tigi michuda, u dan peress li l-inkartament li ghalih qed jirreferi l-istess Avukat Generali huwa rrelevanti ghall-finijiet tat-tieni u tat-tielet imputazzjoni – li huma l-unici zewg imputazzjonijiet li ghad fadal x’jigu kunsidrati, stante li l-Avukat Generali ma appellax mill-liberazzjoni dwar l-ewwel imputazzjoni. Ghalhekk din il-Qorti qieghda tichad it-talba ta’ l-Avukat Generali kif kontenuta fl-imsemmi rikors tat-28 ta’ Mejju 2009.

**7.** Nigu issa ghall-aggravji tal-appellant Mizzi. L-appellant ghandu tlett aggravji li jistghu jigu sintesizzati hekk:- L-ewwel aggravju hu maghmul jikkonsisti filli fuq il-provi li l-

ewwel qorti kellha quddiemha hija ma setghet qatt issib lill-appellant hati skond it-tieni u skond it-tielet imputazzjoni. L-appellant jikkontendi li l-avviz biex jieqaf kien jirreferi ghal post bl-isem ta' "Ta' Ghansar limiti ta' San Lawrenze" mentri l-izvilupp sar f'post maghruf bhala "Ta' Mrasbiet". Ghall-istess raguni, ghalhekk – u dejjem skond l-appellant – hu ma setax jinstab hati skond it-tielet imputazzjoni billi l-ordni kien jirreferi ghal post fejn effettivament ma kienx sar zvilupp. It-tieni aggravju hu li l-ewwel qorti marret lil hinn mill-imputazzjonijiet meta rriskontrat htija li damet aktar minn tliet xhur peress illi din ic-cirkostanza "aggravanti" ma kienitx migjuba fl-imputazzjoni. It-tielet u l-ahhar aggravju hu li l-piena kienet, fi kwalunkwe kaz, wahda sproporzjonata.

**8.** Din il-Qorti ezaminat bir-reqqa l-atti kollha tal-kawza (inkluzi l-atti quddiem il-Qorti Inferjuri) kif ukoll id-deposizzjonijiet tax-xhieda tal-prosekuzzjoni u d-deposizzjoni moghtija mill-istess appellant. Minn dawn il-provi jirrizulta inekwivokabbilment li l-appellant kellu barriera li ghal xi zmien taghha kien ihallas il-licenzja tal-Pulizija. Meta twaqqfet l-Awtorita` tal-Ippjanar inbeda process biex jigi stabbilit jekk il-barrieri li kienu qed jigu mhaddma kienux entro l-limiti – ghal dak li hu konfini ossia *boundary* ta' kull barriera – mal-permess originali li kien inhareg. Fil-kaz tal-appellant, l-Awtorita` tal-Ippjanar waslet ghall-konkluzzjoni li fil-fatt huwa kien qabez dawn il-konfini, haga li l-istess appellant jammettiha ghalkemm jghid li "dak iz-zmien" skond il-ligi huwa seta' jaghmel hekk – ara d-deposizzjoni tieghu a fol. 154. L-Awtorita` kienet ta' parir kuntrarju, u ghalhekk harget avviz biex jieqaf u ta' twettiq (ara kopja a fol. 2 tal-atti) li jirrizulta, anke mid-deposizzjoni tal-istess appellant, li kien gie notifikat lilu d-dar tieghu (ara fol. 164). L-avviz igib id-data tas-26 ta' Marzu 1998 u, skond ix-xhud Karl Xerri, dan gie notifikat lill-appellant fit-2 ta' April ta' dik is-sena (fol. 103). Minkejja li issa kellu ordni carissima biex huwa jieqaf milli jkompli jqatta' l-gebel f'dik il-parti tal-barriera li l-Awtorita` kienet tikkontendi li ma kienitx koperta bil-permess (u li tidher fid-dokument a fol. 17, immarkata bl-ittra A)[1], l-

[1] Tidher ukoll fid-dokument a fol. 3 bil-bordura roza.

appellant, bi skuza jew ohra, baqa' ghaddej bl-attivita` tieghu ta' tqattigh ta' gebel mill-anqas sa Novembru 1998. In fatti skond ix-xhud Mark Cini, wara li gie notifikat l-avviz, l-imsemmi Cini kien mar fuq il-post darba f'Awwissu u darbtejn f'Novembru (fol. 131), fil-waqt li x-xhud Karl Xerri mar f'Settembru (fol. 103). Dawn dejjem sabu lill-appellant qieghed iwettaq l-attivita` tieghu fil-parti li, skond l-Awtorita`, ma kienitx koperta bil-permess; u minkejja li kienu jigbdulu l-attenzjoni huwa, kif inghad, dejjem kien igib skuza issa b'haga u issa b'ohra u jibqa' ghaddej. Fid-deposizzjoni tieghu l-appellant ipprova jaghti x'jifhem li meta marru l-ufficjali tal-Awtorita` fuq il-post, il-barriera kienet "ezawrita" ghax ma kien hemm xejn aktar xi tqatta' (ara fol. 161), izda wiehed miz-zewg ritratti ezibiti mill-prosekuzzjoni a fol. 18 tal-atti juri b'mod car ingenji u nies qed iqattghu l-blat. Effettivament anke fid-deposizzjoni tieghu l-istess appellant jammetti li wara li kien gie notifikat bl-avviz, xorta wahda ma waqafx mix-xoghol (fol. 164). Ma jistax, ghalhekk, ikun hemm l-icken dubbju li l-appellant naqas milli jhares dak l-avviz biex jieqaf (u, naturalment, anqas ma ottempera ruhhu mar-rekwizit l-iehor, cioe` li jregga' lura s-sit ghall-istat originali tieghu). L-appellant kien kjarament jaf ezattament ghal liema parti tal-barriera kien jirreferi l-avviz li kien irceiva. L-ilment imqajjem mill-appellant fir-rikors tieghu dwar l-isem ezatt tal-post huwa totalment infondat, u dan ghas-semplici raguni li l-indikazzjoni tal-post fl-avviz kienet saret a bazi mhux biss ta' kif kienet tissejjah il-barriera originarjament fil-licenzja tal-Pulizija izda wkoll minhabba li l-access ghall-barriera kien proprju mill-lokalita` maghrufa bhala Ta' Ghansar; u l-fatt li l-appellant ghogbu jistraripa l-konfini tal-barriera ghal gewwa lokalita` maghrufa bhala Ta Mrasbiet ma jfissirx li ma kienx car daqs il-kristall ghal liema zvilupp kien jirreferi dak l-avviz. Ghall-istess raguni ma jistax jinghad li l-avviz biex jieqaf u ta' twettiq ma kienx jammonta ghal ordni legittimu – dan l-avviz kien regolari fil-forma u fil-kontenut tieghu u ghalhekk kellu jigi osservat, salv kull rimedju li l-istess Mizzi seta kellu skond il-ligi dwar il-korrettezza intrinsika ta' dak li kien qed jigi ordnat jaghmel, inkluzi rimedji taht l-istess Att dwar l-Ippjanar ta' l-Izvilupp. Ghalhekk l-ewwel aggravju huwa infondat. Minkejja dan, u minkejja li l-appellant ma

sollevax l-eccezzjoni tal-preskrizzjoni fir-rigward tat-tielet imputazzjoni, din il-Qorti, kif inhi obbligata li taghmel skond l-Artikolu 694 tal-Kap. 9, qed tissollva *ex officio* il-preskrizzjoni riferibbilment ghat-tielet imputazzjoni, li tipotizza l-kontravvenzjoni kontemplata fl-Artikolu 338(*ee*) tal-Kodici Kriminali. F'dan il-kaz huwa evidenti li bejn id-data tal-kommissjoni tar-reat (qabel il-25 ta' Mejju 1999) u d-data meta harget ic-citazzjoni, kienu ghaddew aktar minn tlett xhur. Ghalhekk l-appellant ser jigi liberat mit-tielet imputazzjoni.

**9.** Kwantu ghat-tieni aggravju, dan ukoll huwa infondat. L-imputazzjoni kjarament tikkontempla non osservanza fuq medda ta' zmien. In fatti l-imputazzjoni tirreferi ghal "dawn l-ahhar snin u qabel il-25 ta' Mejju 1999". Kif rajna, mill-provi, jirrizulta li l-avviz gie notifikat fit-2 ta' April 1998, u mill-anqas sa' Novembru ta' dik is-sena t-tqattigh tal-gebel kien ghadu ghaddej. Kienet ghalhekk perfettament intitolata l-ewwel qorti li tirriskontra bhala fatt li r-reat kompla ghal aktar minn tlett xhur, u li konsegwentement izzid il-piena ta' prigunerija kif kontemplata fl-Artikolu 56(1) meta l-kaz ikun wiehed li jaqa' that il-paragrafu (c).

**10.** Kwantu ghat-tielet aggravju, din il-Qorti ma tistax ma tosservax, kif effettivament ghamlet l-ewwel qorti, li hawn mhux il-kaz ta' xi hadd li fetah bieb fejn mhux suppost jew jew ghamel opramorta tal-kantun flok cint bil-balavostri. Hawn si tratta ta' zvilupp estensiv fejn dak li jixpruna tali zvilupp, u minkejja l-avviz biex jieqaf u ta' twettiq, huwa l-gwadann finanzarju gej mill-attivita` edilizja. L-appellant gie jaqa' u jqum mill-avviz li gie notifikat lilu (u ghalhekk anke mill-ligijiet ambjentali) ghax hekk kien jaqbillu finanzarjament. Il-piena, ghalhekk, trid tkun tali li mhux biss tirrifletti l-gravita` tan-nuqqas ta' osservanza ta' tali avvizi, izda li sservi ta' deterrent ghal min jidhirlu li jista' jinjora dawn il-ligijiet ghax ikun jaqbillu finanzjarjament. Il-piena (pekunjarja) applikabbli skond il-ligi kienet minn minimu ta' €1,164.69 sa massimu ta' €116,468.67. Fic-cirkostanzi, din il-Qorti ma tara xejn sproporzjonat f'multa ta' €50,000. S'intendi, jekk din ma tithallsx fi zmien skond il-ligi, il-konversjoni ghandha tkun bir-rata indikata fil-*proviso* tas-subartikolu (3) tal-Artikolu 11 tal-Kap 9 kif dan

il-*proviso* kien qabel l-emendi introdotti bl-Att III tal-2002, u cioe` kif kien fiz-zmien tar-reat. Anke ghal dik li hi l-piena ta' prigunerija (sospiza) u l-ordni ghar-ripristinar skond is-subartikolu (2) tal-Art. 56 tal-Kap. 356, din il-Qorti ma tara li hemm lok ta' ebda varjazzjoni. Il-fatt li l-appellant qed jigi liberat mit-tielet imputazzjoni – il-kontravvenzjoni, li timporta l-piena ta' detenzjoni jew ammenda – ma jista' jkollha ebda rifless fuq il-piena.

**11.** Ghall-motivi premessi, tilqa' l-appell biss fis-sens li tillibera lill-appellant mit-tielet imputazzjoni, izda tikkonferma s-sentenza appellata fil-bqija (u ghalhekk tikkonfermaha anke in kwantu kkundannat lill-appellant multa ta' hamsin elf euro, sena prigunerija sospiza ghal sena u ordnat ir-ripristinar taht penali), b'dan li l-periodu operattiv ta' sena tas-sentenza sospiza kif ukoll il-periodu ta' tlett xhur ghar-ripristinar jibdew jiddekorru mil-lum, u b'dan ukoll li jekk il-multa ma tithallasx fiz-zmien moghti mil-ligi din tigi konvertita f'sena prigunerija. Il-Qorti fl-ahharnett tigbed l-attenzjoni tar-Registratur tal-Qorti ta' Ghawdex ghad-disposizzjoni tas-subartikolu (8) tal-Artikolu 28A tal-Kap. 9.

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM-------------------------------